Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 13 ta' Lulju 2023**
**(OR. en)**

**11722/23**
**ADD 3**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2023/0265(COD)**

**TRANS 306**
**CLIMA 356**
**ENV 853**
**COMPET 762**
**CODEC 1374**
**IA 188**

**PROPOSTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur |
| data meta waslet: | 12 ta' Lulju 2023 |
| lil: | Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | SWD(2023) 446 final |
| Suġġett: | DOKUMENT TA’ ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI SOMMARJU EŻEKUTTIV TAR-RAPPORT TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT Li jakkumpanja d-dokument Proposta għal reviżjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 96/53/KE li tistabbilixxi għal ċerti vetturi tat-triq li jiċċirkolaw fil-Komunità d-dimensjonijiet massimi awtorizzati fit-traffiku nazzjonali u internazzjonali u l-piżijiet massimi awtorizzati fit-traffiku internazzjonali |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument SWD(2023) 446 final.

---

Mehmuż: SWD(2023) 446 final

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Strasburgu, 11.7.2023
SWD(2023) 446 final

**DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI**

**SOMMARJU EŻEKUTTIV TAR-RAPPORT TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT**

***Li jakkumpanja d-dokument***

**Proposta għal reviżjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 96/53/KE**

**li tistabbilixxi għal ċerti vetturi tat-triq li jiċċirkolaw fil-Komunità d-dimensjonijiet massimi awtorizzati fit-traffiku nazzjonali u internazzjonali u l-piżijiet massimi awtorizzati fit-traffiku internazzjonali**

{COM(2023) 445 final} - {SEC(2023) 445 final} - {SWD(2023) 445 final} - {SWD(2023) 447 final}

MT MT

## A. Ħtieġa li tittieħed azzjoni

### X'inhi l-problema u għaliex hija problema fil-livell tal-UE?

Id-Direttiva 96/53/KE tistabbilixxi l-piżijiet u d-dimensjonijiet massimi awtorizzati tal-vetturi heavy-duty (HDVs) kummerċjali li joperaw fl-UE. Bl-istabbiliment ta' dawn l-istandards komuni, id-Direttiva kellha l-għan li tiżgura li l-HDVs ma jaqbżux il-limiti li jistgħu jikkompromettu s-sikurezza fit-toroq, l-infrastruttura u l-ambjent, u li l-operaturi tat-trasport bit-triq ikunu jistgħu jikkompetu b'kundizzjonijiet ekwi fis-suq intern. L-emendi mmirati sussegwenti għad-Direttiva kellhom l-għan li jtejbu l-effiċjenza enerġetika u operazzjonali tal-operazzjonijiet tat-trasport bit-triq. Dan sar billi ddaħħlu ċerti derogi mill-piżijiet u mid-dimensjonijiet massimi awtorizzati tal-vetturi u tal-kombinazzjonijiet tal-vetturi, biex jitħeġġeġ l-użu ta' sistemi tal-motopropulsjoni li jaħdmu b'mod alternattiv, titjieb l-ajrudinamika tal-vetturi u tkun żgurata l-interoperabbiltà ma' mezzi oħra tat-trasport.

Id-Direttiva kienet soġġetta għal evalwazzjoni *ex post* imwettqa b'mod paralleli mal-valutazzjoni tal-impatt. L-evalwazzjoni sabet li d-Direttiva kienet irnexxiet biss parzjalment fejn jidħol l-ilħuq tal-objettivi tagħha. Filwaqt li aġevolat it-trasport transfruntier u neħħiet xi ostakli tekniċi, id-derogi nazzjonali u l-ambigwità f'ċerti dispożizzjonijiet ħolqu regoli u prattiki nazzjonali diverġenti u frammentaw is-suq intern, b'mod partikolari fir-rigward tal-użu tal-HDVs aktar tqal u s-Sistemi Modulari Ewropej (EMS - kombinazzjonijiet itwal u/jew itqal ta' unitajiet ta' vetturi standard). It-taħlita tar-regoli u d-derogi nazzjonali, flimkien mal-arranġamenti bilaterali bejn xi Stati Membri, ħolqu inċertezza legali rigward ir-regoli applikabbli għat-trasport transfruntier u għamlu l-infurzar ineffettiv u inkonsistenti. Id-Direttiva kellha impatt limitat ħafna fuq is-sostenibbiltà, għax l-inċentivi għall-użu tal-vetturi li jaħdmu b'mod alternattiv, inkluż il-vetturi bl-emissjonijiet żero (eż. il-piż addizzjonali biex jakkomoda t-teknoloġiji bl-emissjonijiet żero) u t-tagħmir ajrudinamiku (eż. it-tul addizzjonali biex jakkomoda l-flaps ta' wara) jidher li ma kinux biżżejjed. Id-Direttiva ma rnexxilhiex ukoll parzjalment tippromwovi operazzjonijiet intermodali effiċjenti, l-aktar minħabba inkonsistenzi interni u esterni tad-Direttiva, fosthom inkonsistenza mad-Direttiva dwar it-Trasport Ikkombinat.

Mingħajr azzjoni tal-UE, l-applikazzjoni inkonsistenti u l-infurzar dgħajjef tad-Direttiva jissoktaw, u l-limitazzjonijiet regolatorji dwar l-innovazzjoni u l-ispariġġ mal-avvanzi teknoloġiċi jfixklu l-użu ta' vetturi u skemi operazzjonali aktar effiċjenti, sostenibbli u kompatibbli ma' mezzi oħra tat-trasport. Minħabba d-dimensjoni transfruntiera tal-impatti ekonomiċi, soċjali u ambjentali tal-operazzjonijiet kummerċjali tat-trasport bit-triq, it-titjib tad-Direttiva li jindirizza l-problemi identifikati għandu rilevanza ċara għall-UE.

### X'għandu jinkiseb?

F'konformità mal-Patt Ekoloġiku Ewropew u mal-għanijiet tas-suq intern tal-UE, din l-inizjattiva għandha l-għan li ttejjeb l-effiċjenza enerġetika u operazzjonali tal-operazzjonijiet tat-trasport bit-triq mill-HDVs u li tiżgura l-moviment liberu tal-merkanzija u l-kompetizzjoni ġusta fis-suq intern tat-trasport bit-triq. Dan għandu jintlaħaq billi: (a) jitneħħew l-ostakli għall-użu tal-vetturi bl-emissjonijiet żero (ZEV) u tat-tagħmir li jiffranka l-enerġija, u jiġi inċentivat it-trasport intermodali; (b) jiġu armonizzati r-regoli dwar il-piżijiet u d-dimensjonijiet massimi tal-HDV fl-operazzjonijiet transfruntieri; u (c) jittejjeb l-infurzar tar-regoli. Id-Direttiva riveduta se tipprevedi qafas regolatorju stabbli u aktar xieraq li jqis il-ħtiġijiet speċifiċi ta' tipi differenti ta' operazzjonijiet tat-trasport filwaqt li jiżgura livell għoli ta' sikurezza, protezzjoni tal-infrastruttura u l-ħtieġa ta' jonqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra u tas-sustanzi niġġiesa mis-sistema tat-trasport.

### X'inhu l-valur miżjud ta' azzjoni fil-livell tal-UE (sussidjarjetà)?

L-evalwazzjoni tad-Direttiva dwar il-Piżijiet u d-Dimensjonijiet tikkonferma l-valur miżjud tal-azzjoni tal-UE fl-istabbiliment ta' standards komuni għall-HDVs li jinstaqu fit-toroq tal-UE. Madankollu, in-nuqqasijiet fid-Direttiva, inkluż il-lakuni legali u l-istandards skaduti, ifixklu l-adozzjoni wiesgħa tat-teknoloġiji għad-dekarbonizzazzjoni u t-titjib fl-effiċjenza operazzjonali tat-trasport transfruntier. In-nuqqas ta' azzjoni kkoordinata tal-UE jwassal għal aktar frammentazzjoni tas-suq, distorsjonijiet tal-kompetizzjoni, u prattiki tal-kontroll diskriminatorji. Dan kollu jdgħajjef l-inċentivi biex jibdew jintużaw vetturi bl-emissjonijiet żero u teknoloġiji effiċjenti fl-enerġija. L-inizjattivi fil-livelli nazzjonali, lokali u

settorjali mhux se jkunu biżżejjed biex jindirizzaw il-problemi fl-UE kollha u l-kawżi sottostanti tagħhom jew biex jikkontribwixxu b'mod sinifikattiv biex jintlaħqu l-miri tad-dekarbonizzazzjoni. Ir-reviżjoni tad-Direttiva se żżomm il-prerogattiva li l-Istati Membri jiżviluppaw soluzzjonijiet imfassla skont infrastruttura speċifika u skont iċ-ċirkostanzi lokali.

## B. Soluzzjonijiet

### X'inhuma d-diversi alternattivi biex jintlaħqu l-objettivi? Hemm waħda ppreferuta? Jekk le, għaliex?

Tfasslu tliet alternattivi ta' politika (PO-A, PO-B, PO-Ċ) biex jindirizzaw il-problemi u l-kawżi tal-problemi identifikati fl-evalwazzjoni u fil-valutazzjoni tal-impatt. L-alternattivi ta' politika lkoll jinkludu miżuri tad-dekarbonizzazzjoni, tal-armonizzazzjoni u tal-infurzar biex jgħinu biex jintlaħqu l-objettivi tal-inizjattiva, iżda dawn b'livell differenti ta' effettività u effiċjenza.

**PO-A** tinkludi seba' miżuri ta' politika li huma komuni għall-alternattivi ta' politika kollha. PO-A tarmonizza l-kundizzjonijiet għall-operazzjonijiet transfruntieri bil-vetturi itqal u/jew itwal (vetturi ta' 44 tunnellata u EMS) bejn l-Istati Membri li jippermettu dawn il-vetturi fit-territorji tagħhom skont id-derogi nazzjonali. Billi żżid il-limiti tal-piż u tat-tul biex takkomoda t-teknoloġiji bl-emissjonijiet żero, din tiżgura li l-HDVs bl-emissjonijiet żero ma jitilfux tagħbija utli meta mqabbla mal-HDVs b'magna tal-kombustjoni interna konvenzjonali, u b'hekk se tinċentiva l-użu tat-teknoloġiji bl-emissjonijiet żero. Din taġevola wkoll il-ġarr tal-kontejners b'kubatura għolja fit-trasport intermodali. Fl-aħħar nett, issaħħaħ kemxejn l-infurzar billi tistabbilixxi għadd minimu ta' kontrolli għal kull miljun kilometru ta' vettura u tipprovdi rekwiżiti minimi għall-Istati Membri li lesti jimplimentaw politiki tal-aċċess intelliġenti, biex tiżgura l-armonizzazzjoni u l-interoperabbiltà ta' dawn l-iskemi madwar l-UE kollha.

**PO-B** tkompli tappoġġa t-tranżizzjoni lejn flotot tal-HDV bl-emissjonijiet żero billi jingħataw inċentivi ekonomiċi, bħall-iffaċilitar ta' kapaċità addizzjonali tat-tagħbija għall-HDVs b'sistemi tal-motopropulsjoni bl-emissjonijiet żero jew l-HDVs involuti fl-operazzjonijiet intermodali (mhux kontejnerizzati). Din l-alternattiva ta' politika tintroduċi d-data mmirata li warajha l-HDVs itqal (44 tunnellata), permessi skont PO-A li jintużaw fit-trasport transfruntier, iridu ikollhom emissjonijiet żero, iżda jistgħu jiċċirkolaw madwar l-UE kollha. PO-B tarmonizza r-rekwiżiti tal-awtorizzazzjoni u l-proċeduri amministrattivi għat-trasport transfruntier b'ċerti vetturi itwal/itqal (eż. għat-trasport tat-tagħbijiet indiviżibbli) u tintroduċi tagħmir obbligatorju għall-kontroll tal-piż (jiġifieri Sistema tal-Użin waqt il-Moviment (WIM)) li jrid jiġi installat fl-infrastruttura tat-toroq għal infurzar aktar effiċjenti.

**PO-Ċ** għandha l-għan li tikseb l-aqwa livell ta' armonizzazzjoni, dekarbonizzazzjoni u infurzar iżda tinkludi azzjoni regolatorja tal-UE aktar soda miż-żewġ alternattivi l-oħra. Din testendi d-dominju operazzjonali tal-EMS għat-territorju kollu tal-UE, li jrid ikun bl-emissjonijiet żero u/jew involut fl-operazzjonijiet intermodali, u fl-istess ħin timponi standards aqwa tas-sikurezza tal-vetturi u rekwiżiti aktar stretti għall-kwalifiki tas-sewwieqa. Din l-alternattiva ta' politika tinvolvi l-akbar kostijiet għall-manutenzjoni tal-infrastruttura mill-awtoritajiet tal-Istati Membri u timponi kostijiet tal-konformità addizzjonali fuq l-operaturi li jużaw sistemi modulari.

Skont il-paragun tal-alternattivi ta' politika mil-lat ta' effettività, effiċjenza, koerenza, sussidjarjetà u proporzjonalità, **PO-B hi l-ippreferuta.** Din issib il-bilanċ it-tajjeb bejn l-ilħuq tal-objettivi mixtieqa b'mod effettiv u fl-istess waqt tiżgura li l-miżuri proposti f'din l-alternattiva ta' politika ma jmorrux lil hinn minn dak meħtieġ biex il-problema tissolva b'mod effiċjenti.

### X'inhuma l-fehmiet tal-partijiet ikkonċernati differenti? Liema alternattiva u min jappoġġaha?

Il-partijiet ikkonċernati appoġġaw b'mod wiesa' l-miżuri komuni fl-alternattivi ta' politika kollha, li jinkludu żieda fil-piżijiet u fid-dimensjonijiet massimi tal-HDVs biex jikkumpensaw il-piż u d-daqs tat-teknoloġiji bl-emissjonijiet żero u l-awtorizzazzjoni tat-trasport transfruntier b'vetturi itqal/itwal bejn l-Istati Membri ġirien li jippermettu l-istess standards. L-awtoritajiet u r-rappreżentanti tal-industrija qiesu dawk il-miżuri u l-armonizzazzjoni tat-tul mgħobbi tat-trasportatur tal-vetturi, u l-istabbiliment ta' livell minimu tal-kontrolli tal-piż tal-HDVs bħala l-aktar miżuri importanti għad-dekarbonizzazzjoni, l-armonizzazzjoni u l-infurzar. Iżda xi Stati Membri u partijiet ikkonċernati tat-trasport bil-

ferrovija/intermodali wrew reżistenza li jitħallew isiru operazzjonijiet transfruntieri fuq distanzi twal minn HDVs itqal/itwal (appoġġati ħafna f'PO-Ċ) minħabba tħassib dwar l-impatt fuq l-infrastruttura tat-toroq u l-possibbiltà ta' qlib modali lura mill-ferrovija għat-triq. Il-partijiet ikkonċernati laqgħu b'mod partikolari l-inċentivi addizzjonali tal-ekoloġizzazzjoni li hemm f'PO-B, bħal li jkun permess piż addizzjonali massimu ta' 4 tunnellati irrispettivament mill-piż tat-teknoloġija bl-emissjonijiet żero u l-kunsiderazzjoni tat-trejlers u s-semitrejlers bħala unitajiet tat-trasport intermodali. L-armonizzazzjoni u s-simplifikazzjoni tal-proċeduri amministrattivi li jikkonċernaw il-permessi għall-operazzjonijiet tat-trasport anormali (f'PO-B) kienu appoġġati ħafna wkoll mill-partijiet ikkonċernati.

## C. Impatti tal-alternattiva ppreferuta

### X'inhuma l-benefiċċji tal-alternattiva ppreferuta (jekk hemm, inkella dawk ewlenin)?

PO-B mistennija tikseb iffrankar fil-kostijiet tal-aġġustament (relatati mal-manutenzjoni tal-infrastruttura tat-toroq) għall-**awtoritajiet pubbliċi nazzjonali**, stmat għal EUR 3 biljun espressi b'ċifri attwali tul 2025-2050 meta mqabbla max-xenarju bażi. L-iffrankar tal-kostijiet hu xprunat mit-tnaqqis fl-għadd ta' vjaġġi meta mqabbel max-xenarju bażi (minħabba ż-żieda fit-tagħbija utli), il-qlib mit-trasport bit-triq biss għat-trasport intermodali, u t-tnaqqis fil-frekwenza u s-severità tal-prattiki tat-tagħbija eċċessiva. Barra minn hekk, l-iffrankar tal-kostijiet amministrattivi għall-awtoritajiet pubbliċi nazzjonali hu stmat għal EUR 22,8 biljun. Dawn huma xprunati mill-implimentazzjoni tas-sistemi tal-punt uniku tas-servizz fil-livell nazzjonali u b'hekk l-iffrankar tal-kostijiet fl-ipproċessar tat-talbiet għall-permessi, u t-tnaqqis fl-għadd ta' kontrolli manwali/mal-ġenb tat-triq permessi mis-sistemi WIM. L-iffrankar tal-kostijiet totali għall-awtoritajiet pubbliċi nazzjonali hu stmat għal EUR 25,8 biljun, espress b'ċifri attwali tul 2025-2050, meta mqabbla max-xenarju bażi.

L-**operaturi tat-trasport bit-triq** jibbenefikaw minn iffrankar tal-kostijiet tal-aġġustament stmat għal EUR 42,8 biljun espress b'ċifri attwali tul 2025-2050 meta mqabbla max-xenarju bażi. Dawn huma marbuta mat-tnaqqis fil-kostijiet operatorji u mat-tnaqqis fiż-żmien meħtieġ għal kooperazzjoni mal-awtoritajiet pubbliċi fil-kontrolli tal-piż manwali/mal-ġenb tat-triq. It-tnaqqis fil-kostijiet operatorji hu xprunat miż-żieda fit-tagħbija medja u mit-tnaqqis fl-għadd ta' vjaġġi (minħabba t-tul u l-piż addizzjonali biex jiġu akkomodati t-teknoloġiji bl-emissjonijiet żero, l-armonizzazzjoni tal-piż massimu permess tal-HDV ta' 5 u 6 fusien fit-trasport transfruntier, l-awtorizzazzjoni tat-trasport transfruntier ta' 44 tunnellata u l-EMS bejn l-Istati Membri "awtorizzanti" u l-armonizzazzjoni tat-tul mgħobbi tat-trasportaturi tal-vetturi), u mill-qlib minn operazzjonijiet bit-triq biss għal dawk intermodali (minħabba l-allinjament tad-definizzjoni tat-trasport intermodali mad-Direttiva dwar it-Trasport Ikkombinat). Barra minn hekk, l-operaturi tat-trasport bit-triq jibbenefikaw mit-tneħħija tal-permessi għall-użu ta' trakkijiet aktar għoljin biex jakkomodaw il-kontejners b'kubatura għolja fit-trasport intermodali (EUR 3,2 biljun espressi b'ċifri attwali tul 2025-2050 meta mqabbla max-xenarju bażi), u mit-tnaqqis fiż-żmien meħtieġ għat-tħejjija u s-sottomissjoni tat-talbiet għall-ħruġ tal-permessi speċjali għat-trasport tat-tagħbijiet indiviżibbli (EUR 1,2 biljun espressi b'ċifri attwali tul 2025-2050 meta mqabbla max-xenarju bażi), benefiċċji li jinkisbu bl-applikazzjoni tal-prinċipji ta' punt uniku tas-servizz fil-livell nazzjonali u bid-diġitalizzazzjoni tad-dokumenti. L-iffrankar tal-kostijiet totali għall-operaturi tat-trasport bit-triq hu stmat għal EUR 47,3 biljun espress b'ċifri attwali tul 2025-2050 meta mqabbla max-xenarju bażi.

PO-B mistennija tikseb iffrankar fil-kostijiet esterni għall-emissjonijiet tas-$CO_2$ (stmati għal EUR 3,5 biljun espressi b'ċifri atttwali tul 2025-2050 meta mqabbla max-xenarju bażi), għall-emissjonijiet tas-sustanzi niġġiesa (EUR 2,1 biljun) u għall-emissjonijiet tal-istorbju (EUR 0,7 biljun). Dawn jinkisbu bis-saħħa taż-żieda fl-użu tal-HDVs bl-emissjonijiet żero, bil-qlib għat-trasport intermodali u bit-tnaqqis fin-numru tal-vjaġġi (minħabba t-tagħbija utli akbar). PO-B mistennija wkoll tikseb tnaqqis fil-kostijiet esterni tal-fatalitajiet ta' madwar EUR 0,9 biljun, dovuta għall-qlib lejn it-trasport intermodali u t-tnaqqis fl-għadd tal-vjaġġi.

### X'inhuma l-kostijiet tal-alternattiva ppreferuta (jekk hemm, inkella x'inhuma dawk ewlenin)?

PO-B mistennija toħloq kostijiet tal-aġġustament għall-**awtoritajiet pubbliċi nazzjonali** stmati għal EUR 4,3 biljun espressi b'ċifri attwali tul 2025-2050 meta mqabbla max-xenarju bażi. Dawn ikopru l-

manutenzjoni tal-infrastruttura tat-toroq minħabba l-konċessjoni ta' piż addizzjonali lill-vetturi bl-emissjonijiet żero, l-aġġornament tal-inventarju tal-pontijiet u tal-mini, l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' punt uniku tas-servizz fil-livell nazzjonali u l-użu tas-Sistemi tal-Użin waqt il-Moviment kull 300km fin-network tat-TEN-T. Barra minn hekk, l-awtoritajiet pubbliċi nazzjonali se jġarrbu kostijiet amministrattivi ta' EUR 16,4 miljun għall-manutenzjoni u l-ġestjoni tas-sistemi tal-punt uniku tas-servizz fil-livell nazzjonali. Il-kostijiet totali għall-awtoritajiet pubbliċi nazzjonali huma stmati għal EUR 4,4 biljun espressi b'ċifri attwali tul 2025-2050 meta mqabbla max-xenarju bażi. B'mod ġenerali, meta wieħed iqis il-kostijiet u l-iffrankar tal-kostijiet, PO-B tikseb **iffrankar nett fil-kostijiet għall-awtoritajiet pubbliċi nazzjonali** ta' EUR 21,5 biljun.

Għall-**operaturi tat-trasport bit-triq**, PO-B mistennija toħloq kostijiet tal-aġġustament stmati għal EUR 2,1 biljun minħabba t-tnaqqis fil-prattiki tat-tagħbija eċċessiva. L-operaturi li qabel kienu qed joperaw trakkijiet b'tagħbija eċċessiva issa se jkollhom jikkonformaw mal-limiti tal-piż u se jkunu meħtieġa aktar kilometri ta' vetturi biex tinġarr l-istess kwantità ta' merkanzija. Dan se jaffettwa lill-operaturi tat-trasport li kienu qed joperaw bi ksur. PO-B tikseb **iffrankar nett tal-kostijiet lill-operaturi tat-trasport bit-triq** stmat għal EUR 45,1 biljun, espress b'ċifri attwali tul 2025-2050 meta mqabbla max-xenarju bażi.

### X'inhuma l-impatti fuq l-SMEs u l-kompetittività?

L-alternattiva ppreferuta mistennija tħalli impatt pożittiv fuq il-kompetittività tal-SMEs, li jikkostitwixxu l-maġġoranza l-kbira tas-settur tat-trasport kummerċjali tat-triq (99% tal-operaturi tat-trasport bit-triq huma SMEs). B'mod partikolari, l-SMEs involuti fl-operazzjonijiet transfruntieri u intermodali se jibbenefikaw minn miżuri li jgħinu fit-titjib tal-effiċjenza operazzjonali u enerġetika u li jiffaċilitaw it-tranżizzjoni lejn operazzjonijiet bl-emissjonijiet żero. **L-iffrankar nett fil-kostijiet għall-operaturi tat-trasport bit-triq** hu stmat għal EUR 45,1 biljun, espress b'ċifri attwali tul 2025-2050 meta mqabbla max-xenarju bażi.

### Se jkun hemm impatti sinifikanti fuq il-baġits u fuq l-amministrazzjonijiet nazzjonali?

Il-kostijiet totali għall-awtoritajiet pubbliċi nazzjonali huma stmati għal EUR 4,3 biljun espressi b'ċifri attwali tul 2025-2050 meta mqabbla max-xenarju bażi. L-element maġġuri tal-kost tal-alternattiva ppreferuta (madwar 96% tal-kostijiet totali) għall-amministrazzjonijiet tal-Istati Membri hu rappreżentat mill-kostijiet tal-aġġustament relatati mal-manutenzjoni tal-infrastruttura. Madankollu, meta jitqiesu l-kostijiet u l-iffrankar tal-kostijiet, PO-B mistennija tikseb **iffrankar nett fil-kostijiet għall-awtoritajiet pubbliċi nazzjonali** ta' EUR 21,5 biljun.

### Se jkun hemm impatti sinifikanti oħra?

L-inizjattiva jaf tgħin ukoll biex tittaffa l-problema akuta tan-nuqqas ta' sewwieqa professjonali, b'mod partikolari fl-operazzjonijiet fuq distanzi twal. L-operazzjonijiet b'vetturi itqal/itwal li jippermettu l-ġarr tal-istess ammont ta' merkanzija b'inqas vjaġġi għal kull vettura, kontrolli aktar effiċjenti mal-ġenb tat-triq u proċeduri amministrattivi aktar malajr għat-trasport anormali se jgħinu biex jottimizzaw l-użu tal-ħin tax-xogħol tas-sewwieqa u l-użu tal-vetturi. Barra minn hekk, l-użu ta' vetturi bl-emissjonijiet żero attrezzati bl-aħħar standards tas-sikurezza u b'aktar kumdità fil-kabini jista' jgħin biex titjieb l-immaġni tal-professjoni u biex iż-żgħażagħ u n-nisa jitħajru jaħdmu fis-settur.

### Proporzjonalità

L-alternattiva ppreferuta hi vvalutata li tkun l-aktar waħda proporzjonata għal dak meħtieġ biex jintlaħqu l-objettivi ġenerali tal-politika.

## D. Segwitu

### Meta se tiġi rieżaminata l-politika?

F'dan l-istadju mhu ppjanat l-ebda rieżami.